MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 71/2013

**Carmel Saliba**

**-vs-**

**L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors Kostituzzjonali preżentat mir-rikorrent Carmel Saliba fis-27 ta’ Settembru 2013 fejn ġie premess:

Illi bl-att tal-akkuża numru 16 tal-2011, ir-rikorrent ġie akkużat b'tentattiv ta' omiċidju u diversi reati oħra relatati.

Illi kif ġie notifikat b'din l-att tal-akkuża, ir-rikorrent ippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet fejn talab lill-Qorti, *inter alia*, sabiex tiddikjara l-inammissibbilita' tal-istqarrija magħmula minnu lill-Pulizija (li tinsab a fol 41 *et seq* tal-atti tal-kumpilazzjoni) kif ukoll tal-istqarrija magħmula fl-inkjesta maġisterjali (li tinsab a fol 121 *et seq* tal-atti tal-kumpilazzjoni) u dan peress li ttieħdu mingħajr ma kien preċedentement ikkonsulta ma' avukat u mingħajr ma kellu avukat preżenti waqt it-teħid tagħhom.

Illi b'sentenza tas-6 ta' Jannar, 2012, il-Qorti Kriminali ċaħdet din l-eċċezzjoni u ddikjarat li l-istqarrijiet imsemmija kienu ammissibbli bħala prova.

Illi, fit-2 ta' Mejju 2013, wara appell tar-rikorrent mis-sentenza tal-Qorti Kriminali, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-aggravju tiegħu fir-rigward l-eċċezzjoni msemmija. F'din l-aħħar sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet referenza għall-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali, senjatament għas-sentenzi fl-ismijiet "Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali" (8 t'Ottubru 2012) u "Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech" (26 t'April 2013). F'dawn is-sentenzi kien intqal, a differenza ta' sentenzi preċedenti tal-istess Qorti Kostituzzjonali, li n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma jwassalx awtomatikament għal leżjoni ta' smiegħ xieraq iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra, fosthom ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilita' tal-persuna interrogata.

Illi fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat li ma kienu ġew indikati lilha ebda ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilita fiż-żmien li r-rikorrent irrilaxxja l-istqarrijiet tiegħu.

Illi jirriżulta mix-xiehda kemm tal-Ispettur Anthony Portelli (*vide* fol 28 tal-atti tal-kumpilazzjoni) kif ukoll tal-Ispettur Michael Mallia (*vide* fol 63 tal-atti tal-kumpilazzjoni), u ċjoe' ż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija li kkonduċew kemm l-investigazzjoni kif ukoll il-proċeduri kriminali konsegwenzjali, li l-agir tar-rikorrent wara l-arrest tiegħu – u ftit qabel ma ta l-istqarrijiet tiegħu – ħassibhom serjament tant li ordnaw li jittieħdulu *urine samples* sabiex jivverifikaw jekk kienx abbuża minn xi sustanzi. Inċidentalment irriżulta wkoll mill-analiżijiet li għamel ix-xjenzat Godwin Sammut li ma kien hemm ebda traċċa ta' sustanzi projbiti mill-liġi kif kien oriġinarjament suspettat mill-imsemmija Spetturi (*vide* fol 657 tal-atti tal-kumpilazzjoni).

Illi r-rikorrent ilu mis-sena elfejn u erbgħa taħt il-kura ta' psikjatri u huwa anke pazjent tal-Isptar Monte Karmeli. Infatti l-psikjatra tiegħu kemm tal-lum kif ukoll fiż-żmien tal-allegati reati, Dr Joseph Spiteri, ġie ndikat minnu bħala xhud fin-nota tax-xhieda preżentata ma' l-eċċezzjonijiet tiegħu. Għalhekk huwa ċar li anke jekk wieħed jaċċetta l-kriterju adottat fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti tal-Qorti Kostituzzjonali, u ċjoe' dak tal-vulnerabilita, ċertament ir-rikorrent kien u għadu persuna vulnerabbli u t-teħid tal-istqarrijiet tiegħu fl-assenza ta' avukat kienu u ser ikunu leżivi tad-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-Artikolu 6(3)(c) konġuntivament ma' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi l-każ "Plonka vs Poland" (tal-31 ta' Marzu 2009) tal-Qorti ta' Strasbourg huwa ċertament pertinenti għall-każ in diżamina. F'dak il-każ, fil-mument tat-teħid tal-istqarrijiet, l-applikanti kellha

problema serja ta’ alkoħoliżmu. Fil-każ in diżamina l-problemi tar-rikorrent huma ben aktar gravi kif ġja’ ġie ppruvat u kif ser ikompli jigi ppruvat. Fil-każ ta’ Plonka, il-Qorti ta’ Strasbourg kienet sabet leżjoni għad-dritt ta’ smiegħ xieraq u qed ssir pjena referenza għal din is-sentenza.

Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li l-istqarrijiet tar-rikorrent ġew meħuda b’leżjoni tad-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-Artikolu 6(3)(c) konġuntivament ma’ l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u konsegwentement tiddikjarahom inammissibbli fil-proċeduri penali kontrih;

2. Tagħti dwak id-direttivi l-ohra kollha sabiex jiġu sanċiti d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif protetti mill-istess Konvenzjoni;

3. Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tal-intimat preżentata fil-11 ta’ Ottubru 2013 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in linea preliminari*, ir-rikorrent ma eżawrix ir-rimedji ordinarji disponibbli fil-Kap 9 quddiem il-Qorti kompetenti u għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tieħu konjizzjoni tal-azzjoni odjerna *ai termini* tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 *stante* li, fl-istadju opportun tal-proċeduri r-rikorrent ma opponiex għall-preżentata tal-istess stqarrijiet a bażi tal-allegata vulnerabilita tal-akkużat u jidher li għoġbu jqajjem

din il-lanjanza unikament f'din is-Sede. Fil-fatt, jidher li din l-kwistjoni dwar l-allegata vulnerabilta' tal-akkużat qed titqajjem unikament permezz tal-azzjoni odjerna li hi ntiża bħala proċedura ta' natura straordinarja;

2. Illi fil-mertu, l-esponent jirribatti li t-talbiet kif dedotti fir-Rikors Promotur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent *ai termini* tal-Artikolu 6(1) u (3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

2.1 Illi l-lanjanza tal-imputat hija impernijata fuq il-fatt li fl-interrogazzjoni mill-Pulizija kif ukoll fl-istadju tal-Inkjesta Maġisterjali, u ċjoe' fil-mument meta l-imputat xehed bil-ġurament volontarjament u ttieħditlu l-istqarrija quddiem l-Maġistrat Inkwerenti, l-istess imputat ma kienx assistit minn avukat u kien allegatament persuna vulnerabbli, kwistjoni li qed titqajjem f'dan l-istadju fejn il-guri qed jistenna li jiġi appuntat;

2.2 Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, imkien ma ġie allegat u minn imkien ma jirriżulta li l-imputat ġie b'xi mod imġiegħel jagħti l-istqarrijiet li ta. Huwa ngħata t-twissija skont il-liġi fis-sens li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, iżda li dak li kien se jgħid seta' jinġieb bi prova kontrih u mill-konterrut tal-istqarrija rilaxxata lill-Pulizija ċertament ma joħroġx l-element ta' vulnerabilita'. A kuntrarju ta' dak li qed jigi allegat fir-Rikors Promotur, jirriżulta li fil-każ in deżamina jidher biċ-ċar li r-rikorrent kien qed jifhem l-import taċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom u minn harsa lejn l-istqarrijiet jidher li r-rikorrent fl-istqarrija li rrilaxxa waqt l-Inkjesta Maġisterjali ma kkollaborax; filwaqt li meta rrilaxxa l-istqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva kien kooperattiv fir-risposti li

ta. Ir-rikorrent bl-ebda mod ma ġie mġiegħel jew sfurzat sabiex jagħti l-istqarrijiet. Għaldaqstant, l-esponent jissottometti li r-rikorrent volontarjament u liberalment għażel li jirrilaxxa l-istqarrijiet li effettivament irrilaxxa;

2.3 Illi fir-rigward tal-allegat ksur tal-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent jissottometti li bħala prinċipju ma jeżisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali iżda jeżisti biss dritt fundamentali ta' smiegħ xieraq meta persuna tkun akkużata b'reat kriminali. Kull meta l-Qorti ta' Strassburgu sabet li kien hemm ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq minħabba n-nuqqas ta' assistenza minn avukat waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija, dejjem ikkwalifikat il-ġudizzju tagħha u rriteniet li jekk eventwalment il-persuna ma kienx ser ikollha smiegħ xieraq fil-proċeduri kriminali, allura l-persuna għandha dritt tkun assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni;

2.4 Illi bid-dovut rispett, l-esponent jissottometti li d-dritt li suspettat ikun assistit minn avukat waqt il-ħinijiet li ttieħditlu l-istqarrija m'huwiex konsegwenza naturali tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, aktar u aktar meta jkun hemm provi konkreti oħrajn, bħal kif se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-każ odjern, li jikkorroboraw it-teżi tal-Prosekuzzjoni dwar il-ħtija tar-rikorrent partikolarment ix-xhieda okulari tax-xena tad-delitt u tal-Esperti nkarigati mill-Maġistrat Inkwerenti; liema provi kollha jikkorraboraw it-teżi tal-Prosekuzzjoni u l-ħtija tal-imputat u liema provi *del resto* kollha jimmilitaw lejn il-fatt li l-akkużat kien ben konxju tal-azzjonijiet tiegħu kemm meta kkommetta r-reat kif ukoll meta rrilaxxa l-istqarrijiet konċernati;

2.5 L-esponent jissottometti wkoll li l-Qrati nostrani, kellhom l-opportunita' li jeżaminaw din il-kwistjoni tal-allegata leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fl-istadju tar-rilaxx tal-

istqarrija u llum-il ġurnata s-sitwazzjoni hi ben definita u ġew deċiżi l-linji gwidi fuq il-kwistjoni u ċjoe' li l-istqarrija m'għandhiex tiġi sfilzata *a priori* mill-proċess għax b'hekk ikun qed jiġi użurpat id-dritt ta' konsiderazzjoni li jispetta biss lil min ikun qed jiġġudika dwar il-fatti tal-każ;

2.6 Illi kemm mill-premess kif ukoll mill-atti proċesswali huwa manifest li d-drittijiet tal-imputat, ma ġewx perikolati f'dawn il-proċeduri u għalhekk kwalunkwe allegazzjoni ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea magħmula f'dawn iċ-ċirkostanzi hija ntiża biss sabiex fl-umli fehma tal-esponent, ittawwal dawn il-proċeduri inutilment *stante* li l-istqarrijiet in kwistjoni huma ammissibbli skont il-liġi, u dan kif ben ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha tat-2 ta' Mejju 2013;

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent jissottometti li t-talbiet kif dedotti fir-Rikors promotur in risposta m'għandhomx jiġu akkolti minn dina l-Onorabbli Qorti *stante* li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet tar-rikorrent *ai termini* tal-Artikolu 6(1) u 3(c) tal-Kap 319; bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Rat illi dawn huma proċeduri li ġew inizjati wara li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ċaħdet talba tal-akkużat (ir-rikorrent Saliba) biex jiġu dikjarati inammissibbli l-istqarrija tiegħu minħabba li skond hu ġew leżi d-drittjiet fundamentali tal-bniedem meta ma kienx assistit minn Avukat waqt li kien detenut mill-Pulizija Eżekuttiva, u kwindi meta huwa rrilaxxa l-istqarrija kien mingħajr il-benefiċċju tal-assistenza ta' Avukat.

Rat l-atti tal-proċess kriminali li għadu pendenti;

Semgħet il-provi;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Jannar 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-abbli difensuri rispettivi trattaw il-l-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi kif ingħad ir-rikorrenti talab dikjarazzjoni li l-istqarrija li għamel lill-Pulizija u fir-rikors kisritlu d-drittijiet fundamentali tiegħu, u talab ir-rimedji relattivi. Huwa bbaża t-talba tiegħu fuq l-artikoli 6 (3) (c) u 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-bniedem, li jgħidu illi:

*(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smiegħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew sa fejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-Qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita' tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

...

(2) *Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*

(a) *li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettall, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*

(b) *li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*

(ċ) *li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta'assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal- ġustizzja jeħtieġu hekk.*

Illi din il-Qorti, diversament preseduta issa kellha aktar minn okkażjoni waħda tiddeċiedi dwar din il-kwistjoni.

Illi waħda mill-ewwel kawżi fir-rigward kienet fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Mark Lombardi"** (deċiża fid-9 ta' Ottubru 2009 u l-appell minnha deċiż fit-12 ta' April 2011). Din ġiet segwita fost oħrajn mill-kawża **"Pulizija vs Esron Pullicino"** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-istess data (tat-12 t'April 2011) fejn ġiet konfermata s-sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fl-24 ta' Frar 2010.

Illi għalhekk il-Qorti se tagħmel referenza estensiva għal din l-aħħar sentenza u wara tapplika l-insenjament tagħha għall-każ odjern. Fil-kawża msemmija ngħad illi:

*"Dakinhar (**"Pulizija vs Lombardi"**), bħalma għamel fil-każ odjern iżda fi kliem mhux eżattament l-istess, l-intimat fost affarijiet ożra*

*għamel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-bniedem fil-kawża* ***"Imbroscia vs Svizzera"*** *fejn intqal illi:*

*The manner in which article 6 (1) and 3 (c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special feature of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case.*

*Il-każ l-aktar ċelebri fir-rigward – dak ta'* ***"Salduz vs Turkija"*** *ġie msemmi fl-istess risposta ta' Lombardi b'dan il-mod:*

*Fil-każ* ***Salduz vs Turkey****, il-fatti kienu differenti mill-każ odjern. L-ewwelnett it-Turkija kellha liġi li tirregola l-materja. Jingħad ukoll illi Salduz kien minorenni fiż-żmien tal-każ u kien hemm ukoll allegazzjoni ta' trattament ħażin tiegħu waqt l-interrogazzjoni u li ta l-istqarrija tiegħu meta mġiegħel.*

*Din il-Qorti allura ċċitat kemm is-sentenza ta'* ***Salduz*** *–'Although article 6 will normally require that the accused be allowed to benefit from the assistance of a lawyer already at the initial stages of the police interrogation, this right, which is not explicitly set out in the Convention may be subject to restriction for good cause. The question in each case is whether the restriction, in the light of the entirety of the proceedings, has deprived the accused of a fair hearing,' u kemm is-sentenza* ***"Plonka vs Polonja"*** *deċiża fil-31 ta' Marzu 2009; The Court eiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer ... is one of the fundamental features of fair trial.  Nevertheless article 6 (3) does not specify the manner of*

*exercising this right. It leaves to the contracting states the choice of the means of ensuring that is  secured in their judicial system, the Court' s task being only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial, In this respect, it must be remembered that the convention is designed to guarantee not rights that are theoretical or illusory, but rights that are practical and effective and that assigning counsel does not in itself ensure the effectiveness of the assistance he may afford an accused."*

Illi l-Qorti allura kkonkludiet illi l-fatt waħdu li persuna ma tkunx assistita minn Avukat ma jwassalx għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu u *biex ikun hemm ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jrid jiġi kkunsidrat il-proċess ġudizzjarju kollu u mhux jiġu kkunsidrati l-istqarrijiet 'in isolation'.  Jekk fi tmiem il-ġbir tal-provi l-unika prova kontra l-akkużat tkun l-istqarrija tiegħu allura l-Qorti li trid tiddeċiedi l-każ, trid toqgħod attenta għax sejba ta' ħtija jistgħu jwasslu lill-Qorti tal-Appell biex tqis dik is-sentenza bħala 'unsafe'.*

Illi fil-każ odjern l-Ispettur li mexxa l-investigazzjoni xehed li huwa minnu li waqt meta ttieħdet l-istqarrija r-rikorrenti ma kellux assistenza legali. Kwindi bħala fatt ma hemmx kontestazzjoni dwar dan.  Din anzi kienet il-prassi kostanti dak iż-żmien.

Illi madankollu tajjeb jiġi osservat illi wieħed jista' jgħid li l-pożizzjoni legali f'pajjiżna għal dak li jirrigwardja sitwazzjonijiet simili (li okkorrew qabel l-emendi fil-Liġi fl-istess rigward) hija dik stabbilita fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **"Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali"** deċiża fit-8 t'Ottubru 2012.  Għaldaqstant il-Qorti se tagħmel din ir-referenza ampja għal dik is-sentenza:

*"Tajjeb illi qabel xejn ngħidu illi l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ma waslix biex tgħid illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat awtomatikament, ipso facto u immedjatament huwa ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Tassew, dik kienet ix-xewqa tal-Imħallef Bratza fl-opinjoni separata li ta fil-każ ta'* <u>*Salduz*</u>*:*

> *"... the Court should have used the opportunity to state in clear terms that the fairness of criminal proceedings under Article 6 requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal advice from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention.*"

*Il-Qorti Ewropea iżda ġustament ma addottatx din il-pożizzjoni estrema.*

*Kif ġja' kellha okkażjoni illi tosserva*[1]*, din il-Qorti ttenni illi l-jedd ta' għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jingħata mhux biex tinħoloq formalita' li n-nuqqas tagħha jagħti meżż ta' difiża lill-akkużat: dak il-jedd jingħata għall-iskop preċiż illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija mogħtija mill-persuna interrogata tkun ingħatat b'għażla ħielsa, b'għarfien tal-jedd li jibqa' sieket, u bla theddid, wegħdiet, vjolenza jew b'xi mod ieħor abbużivament. Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abbużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat.*

*Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita', dgħjufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha nfluwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx.*

*Ċertament, meta hemm dik il-pożizzjoni ta' vulnerabilita' t-teħid ta' stqarrija fl-assenza ta' avukat tista' twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Hekk, fil-każ ta'* <u>*Salduz*</u> *ir-rikorrent kellu biss sbatax-il sena meta ġie nterrogat mingħajr ma ngħata l-għajnuna ta' avukat u ammetta ħtija. Meta iżda, jumejn wara, reġa' ġie*

---

[1] Ara *e.g.* "Il-Pulizija vs Amanda Agius" (Q. Kost. 22 ta' Frar 2013); "Il-Pulizija vs Tyrone Fenech" (Q. Kost. 22 ta' Frar 2013).

*nterrogat mill-maġistrat inkwirenti ċaħad l-akkużi u qal illi l-ammissjoni kien għamilha taħt theddid, swat u maltrattament fiżiku u psikoloġiku mill-pulizija. Fil-każ ta' **"Panovits vs Ċipru"**[2] l-investigat kien minorenni meta kien interrogat. Barra minn hekk, minħabba l-imġieba ħażina tal-avukat tiegħu – li l-Qorti kellha tikkundannah għal disprezz in faciem curiæ – inħoloq suspett ta' nuqqas ta' imparzjalita' fil-ġudikanti u għalhekk il-proċess meħud kollu kemm hu ma tax il-garanziji meħtieġa biex ikun megħlub kull preġudizzju li seta' nħoloq minħabba t-teħid ta' stqarrija mingħand minorenni. Każ ieħor fejn instab ksur kien dak ta' **"Płonka vs Il-Polonja"**[3], fejn l-istqarrija ttieħdet mingħand mara li kienet fi stat ta' vulnerabilità minħabba alkoħoliżmu. Fil-każ ta' **"Amutgan vs it-Turkija"**[4], imsemmi mill-attur fir-rikors tal-appell tiegħu, instab ksur f'ċirkostanzi fejn "the applicant was undoubtedly affected by the restrictions on his access to a lawyer"[5] għax "He maintained that he was illiterate and therefore he did not know what was written in his statement taken by the gendarmes. He also stated that this statement was not read out to him and that he was forced to put his thumbprint on the statement to authenticate it"[6].*

*Illi l-parir ta' avukat f'sitwazzjonijiet bħal dawn iservi biex tingħeleb dik il-vulnerabilita' u biex tingħata garanzija kontra kull abbuż fit-teħid tal-istqarrija."*

Illi punt importanti fil-parti motivazzjonali tas-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **"Pulizija vs Alvin Privitera"** (11 ta' April 2011 **–** Qorti Kostituzzjonali) li huwa rilevanti għal din il-kawża huwa illi:

*"L-appellant ressaq aggravju dwar ir-rimedju li tat l-ewwel Qorti. Hu jissottometti li d-dikjarazzjoni ta' leżjoni ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni kellha tikkostitwixxi just satisfaction biżżejjed u ma*

---

2 Q.E.D.B. 11 ta' Diċembru 2008, rikors 4268/04.

3 Q.E.D.B. 31 ta' Marzu 2009, rikors 30310/02.

4 Q.E.D.B. 3 ta' Mejju 2009, rikors 5138/04.

5 Para. 18.

6 Para. 15.

*kellhiex tiddikjara wkoll l-istqarrija bħala nulla u bla effett, imma kellha tħalli f'idejn il-Qorti ta' ġurisdizzjoni penali biex hi tevalwa l-validita' u l-ammissibbilta' tal-provi miġjuba quddiemha fil-kawża kriminali.*

*Jiġi rilevat li fil-parti disposittiva tas-sentenza, l-ewwel Qorti ddikjarat biss li n-nuqqas ta' preżenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni kienet leżiva tad-drittijiet tiegħu kif sanċit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Inoltre fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti l-avukat difensur tal-appellat ma sabx oġġezzjoni li tkun il-Qorti ta' ġurisdizzjoni penali li tevalwa l-validita' u l-ammissibbilta' tal-provi miġjuba quddiemha fid-dawl tad-dikjarazzjoni ta' din il-Qorti ta' leżjoni ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni."*

Illi dan ifisser li anke jekk l-ilment tar-rikorrenti jkun ġustifikat din il-Qorti ma tordnax l-isfilz kif mitlub iżda tħalli lill-Qorti li se tiġġudika l-każ biex tagħmel l-apprezzament tagħha hi, kif effettivament għamlet aktar riċentement il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **"Anthony Taliana vs Kummissarju tal-Pulizija"** (6 ta' Frar 2015).

Illi l-Qorti allura trid tiddeċiedi jekk ir-rikorrenti fil-każ in eżami kienx persuna vulnerabbli meta għamel l-istqarrija u minn eżami tal-provi ma hemmx dubju li dan kien il-każ. Sfortunatament ir-rikorrenti għandu storja ta' problemi mentali li ġew pruvati fil-kors tal-kawża u l-Qorti tagħmel riferenza biss għal *'file'* tal-Isptar Monte Karmeli li ġie esebit fl-atti tal-kawża u għad-depożizzjoni tat-tabib psikjatra kuranti tiegħu Dr. Cassar. Mhux se żżid aktar biex ma xxandarx dawn il-problemi a skans tal-privatezza tar-rikorrenti. Skond il-linji traċċjati fil-każ ta' **Taliana** (supra), ma hemmx dubju li r-rikorrenti huwa persuna vulnerabbli u t-teħid tal-istqarrija relattiva kisret id-drittijiet fundamentali tiegħu.

Illi finalment l-intimat eċċepixxa preliminarjament li r-rikorrenti ma eżawrixxiex il-proċeduri normali iżda din il-Qorti ma tarax xi proċedura oħra seta' adopera. Din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet **"Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine"** (7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra:

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*

a. *Meta hu ċar li hemm meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju Ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

b. *Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawliex raġunijiet serji gravi ta' illegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.*

c. *Kull każ għandu l-fattispecje partikolari tiegħu;*

d. *Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

e. *Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta'*

*ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ.*

f. *Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni.*

Għalhekk anke fuq l-iskorta ta' dawn il-prinċipji din il-Qorti se tiċħad din l-eċċezzjoni.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati u tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti. Tordna li jitkompli s-smiegħ tal-kawża kriminali msemmija b'ħarsien ta' din is-sentenza; tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tiddaħħal fil-proċess tal-kawża kriminali msemmija.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a kariku tal-intimat.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------